KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
https://iklinlc.gov.mt

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**L-GĦAXAR KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 24 – IL-ĦAMIS 16 TA' APRIL 2026**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sur Mario Fenech | Kunsillier |
| | Sa Mary Grace Gusman | Kunsillier |
| | Sur Matthew Fenech | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

## 24.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

24.1.1 Ma kienx hemm.

## 24.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

24.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (24) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Kunsillier Mario Fenech issekonda.

24.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.


Sindku (Mayor): Dott. Dorian Sciberras LL.D, Viċi Sindku (Vice Mayor): Yvonne Bartolo,
Kunsillieri (Councillors): Mario Fenech, Matthew Fenech, Mary Grace Gusman

## 24.3 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

24.3.1 Is-Sindku Dott Sciberras irrelata dwar żewġ proġetti kbar fl-Iklin li ser jiġu esegwiti mill-Korporazzjoni Enemalta fejn bażikament se jkun qed isir *reinforcement* fil-provvista tad-dawl f'diversi żoni madwar il-lokalità. L-ewwel proġett jinkludi t-toroq residenzjali Lewis F. Mizzi, Triq in-Naxxar, Triq Giovanni Curmi, Triq Ċensu Bugeja u Triq Ġeronimo Abos taħt il-permess RWP1-2314/25.

Is-Sindku wera d-diżappunt tiegħu dwar kif il-Kunsill ġie kkritikat fuq il-mezzi soċjali meta l-Kunsill ma ġiex ikkonsultat madwar mejda biex nikkordinaw il-proġett li fl-aħħar mill-aħħar huwa bżonnjuż biex ir-residenti tal-Iklin ma jerġgħux jispiċċaw bla provvista ta' dawl fix-xhur tas-Sajf. Ilkoll konxji bl-iżvilupp li għaddej fejn l-infrastruttura eżistenti mhux qed tlaħħaq mad-domanda u nafu x'ġara fis-sajf li għadda bil-qtugħ fil-provvista tad-dawl.

Is-Sindku informa li f'dan l-istadju l-Kunsill m'għandu l-ebda informazzjoni mill-Perit assenjat fuq dan il-proġett dwar x'tip ta' *reinstatement* ser isir fl-imsemmija toroq meta wieħed iqis li l-Kunsill kien għamel investiment fl-infrastruttura ta' Triq Giovanni Curmi u Triq Ċensu Bugeja f'leġiżlaturi passati. Hija ħasra li tara toroq ġodda jerġgħu jinqalgħu minħabba nuqqas ta' ippjanar. Tkun ħasra akbar jekk it-toroq li saru mill-Kunsill snin ilu ma jerġgħux jingħataw l-*full width*.

Is-Sindku żied jgħid li l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill talab lill-Perit assenjat fuq dan il-proġett biex il-Korporazzjoni Enemalta tieħu ħsieb tinnotifika lir-residenti kollha affettwati anke minħabba l-immaniġġjar tat-traffiku. Is-Segretarju Eżekuttiv kien infurmat li mhiex proċedura tal-Korporazzjoni li jiġu notifikati r-residenti bix-xogħlijiet.

Sintendi l-attakk u l-kritika waqgħet fuq il-Kunsill Lokali għaliex mhu qed jagħmel xejn jew addirittura rieqed dwar dak li qed jiġri f'din iż-żona. Is-Sindku stqarr li filwaqt li jifhem li ma jistax iwaqqaf xogħlijiet tal-Gvern Ċentrali, min-naħa l-oħra l-entitajiet għandhom jikkonsultaw mall-Kunsill Lokali għaliex wara kollox, il-Kunsill huwa Gvern Lokali u l-ebda entità m'għandha tgħaddi romblu minn fuq il-Kunsill.

Is-Sindku ikkonkluda li t-tim konċernat fuq dan il-proġett seta kkordina ferm aħjar biex ir-resident ikunu infurmati dwar dawn ix-xogħlijiet.

24.3.2 Fuq l-istess suġġett, is-Sindku Dott Sciberras informa li kien attenda għal-laqgħa kostruttiva imsejħa mill-Korporazzjoni Enemalta nhar it-18 ta' Marzu dwar xogħlijiet simili fil-parti ta' fuq tal-Iklin. Proġett ieħor kbir mill-Korporazzjoni Enemalta li ċertament se jkun qed jimpatta il-kwalità tal-ħajja tar-residenti fix-xhur li ġejjin. Is-Sindku kien qed jirreferi għal Triq il-Ħwawar, Triq iż-Żebbuġa, Triq Fredrick Borg, Triq il-Wied, Triq il-Bruka u Triq il-Ħarruba. L-imsemmija toroq li jaqgħu taħt il-permess RWP1-0266/26 fil-maġġor parti tagħhom għadhom kif tlestew riċentement mill-Aġenzija Infrastructure Malta fejn sar tibdil fis-servizzi tal-ilma u drenaġġ, bankini ġodda u asfaltar tal-imsemmija toroq.

Is-Sindku wera d-dispjaċir kbir tiegħu li wara li r-residenti kienu għaddew minn inkonvenjenzi minħabba l-imsemmija xogħlijiet, se jerġgħu jiffaċċjaw l-istess sitwazzjoni minħabba li jrid isir *reinforcement* fil-provvista tad-dawl f'dawn iż-żoni. Nuqqas ta' ippjanar, ħela ta' riżorsi u inkonvenjenzi għar-residenti.

Però b'differenza għax-xogħlijiet li għaddejjin fil-parti t'isfel tal-Iklin, it-tim li se jkun qed jaħdem fuq dan il-proġett huwa ferm aktar organizzat u filwaqt li spjegaw il-proġett propost, tlabna sabiex il-Korporazzjoni tinnotifka lir-residenti affettwati sew bil-quddiem biex tal-anqas jispjegaw li dan il-proġett huwa bżonnjuż u finalment ser igawdu minnu l-istess residenti li jirrisiedu f'dawn iż-żoni. Ix-xogħlijiet huma ppjanati li jibdew mill-lokalità tas-Swieqi u jidħlu fil-lokalità tal-Iklin fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin.

Aktar żviluppi dwar dawn ix-xogħlijiet jingħataw fis-seduti li jmiss tal-Kunsill.

24.3.3 Is-Sindku Dott Sciberras informa li kienet ħarġet l-iskema ta' Finanzjament għall-lokalitajiet aktar nodfa SPI/SCI/02/2026 u deadline biex wieħed japplika ser ikun it-8 ta' Mejju 2026. Bħas-snin passati, is-Sindku staqsa jekk il-Kunsill kellux jerġa jipparteċipa u japplika għal din l-iskema biex niddedikaw nofs ta' nhar f'Settembru li ġej bit-tema 'CleanUp World Campaign Day L-Iklin'. *Nem con*. Bħala formalità se titla item fuq l-agenda fis-seduta ta' Mejju biex tiġi iffissata data u nibdew nippreparaw għal din l-inizzjattiva ambjentali.

## 24.4 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

24.4.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn il-11 ta' Marzu u l-11 t'April 2026 kif jidher fid-dokumenti A u B.

**COMPLAINTS SHEET (11 March - 11 April 2026)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 66 | 23/03/2026 | Talba biex issir sleeping policeman fi Triq ir-Razzett l-Aħmar | pending | Triq ir-Razzett l-Aħmar | **COUNCIL** |
| 67 | 24/03/2026 | Tappieri jħabbtu fejn 107 Triq Wied | pending | Triq il-Wied | **WSC** |
| 68 | 24/03/2026 | Infestazzjoni ta' ġrieden fi Triq il-Ħwawar c/w Triq il-Wied | pending | Triq il-Ħwawar | **Sanità** |
| 69 | 23/03/2026 | Ħofra fi Triq Dun Karm c/w Triq Ġ Bonnici | pending | Triq Dun Karm | **Infrastructure Malta** |
| 70 | 24/03/2026 | Ilment li qed isir xogħol fi Triq San Mikiel mingħajr sinjali adekwati | settled | Triq San Mikiel | **WSC** |
| 71 | 30/03/2026 | Hemm l-ispralli ta' ħdejn ir-Razzett l-Aħmar qed iħabbtu ħafna | pending | Triq il-Wied | **Works Division** |
| 72 | 30/03/2026 | Hemm bozza maqtugħa L055/28 fuq arblu fi Triq il-Wied c/w Triq ir-Razzett l-Aħmar | pending | Triq il-Wied | **Enemalta** |
| 73 | 06/04/2026 | Hemm bozza maqtugħa W044/28 mall-ħajt fi Triq Ċensu Busuttil | pending | Triq Ċensu Busuttil | **CONTRACTOR** |
| 74 | 07/04/2026 | Waqa' l-cover ta' bozza nru. W054/28 fi Triq Mons PP Saydon | pending | Triq Mons PP Saydon | **CONTRACTOR** |
| 75 | 07/04/2026 | Hemm traffic mirror milquta fil-crossroad li minn Triq ES Inglott toħroġ għal Triq il-Għargħur | settled | Triq Hal Gharghur | **CONTRACTOR** |
| 76 | 07/04/2026 | Hemm cable imdendel mar-residenza nru. 42, fi Triq il-Muzika | pending | Triq il-Muzika | **GO** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 77 | 04/10/2026 | Bozza mitfija L05628 fi Triq ir-Razzett L-Aħmar | pending | Triq ir-Razzett L-Aħmar | **Enemalta** |
| 78 | 04/11/2026 | Tappieri jħabbtu fejn The Red Farm fi Triq il-Wied | pending | Triq il-Wied | **WSC** |

## 24.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

24.5.1 Il-Kunsillier Matthew Fenech staqsa jekk il-Kunsill jistax jobbliga lill-Korporazzjoni Enemalta sabiex ix-xogħlijiet li għaddejjin mill-kuntrattur iridu jsiru *in full width*.

Is-Sindku Dott Sciberras wieġeb li l-Perit assenjat minn dawn ix-xogħlijiet għad irid jiddetermina taħt liema kategorija jaqgħu x-xogħlijiet li qed isiru fi Triq Lewis F. Mizzi, Triq in-Naxxar, Triq Giovanni Curmi, Triq Ċensu Bugeja u Triq Ġeronimo Abos. Is-Sindku jittama li t-toroq jiġu asfaltati in full width.

24.5.2 Il-Kunsillier Mary Grace Gusman staqsiet jekk tistax issir xi forma ta' petizzjoni dwar il-mod ta' kif qed isiru x-xogħlijiet tal-Korporazzjoni Enemalta fl-imsemmija toroq residenzjali.

Is-Sindku Dott Sciberras wieġeb li l-Kunsill ma jistax jagħmel petizzjoni kontra l-Gvern meta x-xogħlijiet huma ppjanati biex isir titjib fil-grid nazzjonali tal-elettriku.

## 24.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

24.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

24.6.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras imbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Mario Fenech.

Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras, l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Mario Fenech, Matthew Fenech u Mary Grace Gusman.

**(Doc. D anness)**

24.6.3 Il-Kunsill awtorizza l-ispejjeż kollha relatati mal-attività annwali kulturali Festa Fjuri 2026 kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| MTA - Hire of 20 Wooden Stalls | 472.00 |
| Grafik Giraffe -4 Designs for social media | 585.00 |
| Grafik Giraffe Designs - Flyers, Banner, flags and round stickers | 185.00 |
| Piscopo Gardens Ltd - Temporary garden installation | 5310.00 |
| A & S Signs and Events - Gazebo 8m x 8m setup of carpet | 1239.00 |
| Bonnici Press - Printing round stickers colour 1400 | 147.00 |
| Bonnici Press - Printing A5 flyer colour 1400 | 94.50 |
| ICREATE - Outdoor trussing (Maypole roundabout) | 2100.40 |
| ICREATE - Outdoor 4 banners | 271.40 |
| Kazin Banda San Pio X | 649.00 |
| The Rose Shop - 80 Rosemary plants | 200.00 |
| Securital - 2 security guards | 1510.40 |
| Mediforce Ambulance Services- Neal Farrugia | 236.00 |
| Silvio's Chairs - umbrellas/chairs/long tables | 1268.50 |
| Y Ltd, Calypso Radio 101.8 - 100 adverts on radio | 795.32 |
| Mr Gilbert Gauci - Singer & pianist | 200.00 |
| Carl Farrugia - Photography & short interviews | 150.00 |
| Stella Farrugia - Health/ Safety Risk Assessment | 413.00 |
| Tunin Entertainment Ltd - Christian Arding 4-piece band performance | 2242.00 |
| A & S Signs and Events - Green carpet 8m x 8m | 619.50 |
| LESA - 3 Community Officers | 433.50 |
| Mr Emanuel Sammut - Woodcraft activity | 180.00 |
| Police Department - 2 officers | 253.60 |
| Police Department - Barriers | 94.40 |

| | |
|---|---|
| Antes Insurance Brokers Ltd | 514.50 |
| Dept of Information - Advert -Bank transfer | 10.00 |
| Innovative greens - 1500 pkts seeds for residents | 1499.93 |
| Flowers Sales Ltd Sherries - 1640 petunia pots | 1992.90 |
| Venscic co Ltd - 3 mobile toilets | 271.40 |
| Bonnici Press - printing 1500 A4 2 sided programm | 210.00 |
| Bonnici Press - re- printing 1500 A4 2 sided programm | 210.00 |
| Innovative greens - paper pots, rosemary, compost for school | 227.70 |
| A & S Signs and Events - Rental & assembly 4m x 3m platform | 295.00 |
| Stephen Franck Bonello- art installation infiorata | 350.00 |

Dawn il-pagamenti ġew approvati waqt is-seduta tal-Kunsill.

## 24.7 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

24.7.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

24.7.2 Applikazzjoni PA 02229/26 – 106, JB Warehouse, Triq il-Klin L-Iklin – 1)To sanction property as existing from the approved PA/3125/94 (Class 6A). 2) Demolition of existing roof structures and construction of an additional floor and a receded floor (Class 6A) 3) Internal alterations including the construction of a lift.

## 24.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-AUDITED FS 2025

24.8.I Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lill-Accountant tal-Kunsill biex jippreżenta l-aġġustamenti ta' natura korrettiva għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill.

24.8.2 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo għall-approvazzjoni tal-aġġustamenti skont kif proposti mill-udituri tal-Gvern.

24.8.3 Il-Kunsill approva *nem con.*

24.8.4 Imbagħad l-Accountant ippreżenta l-Istqarrijiet Finanzjarji bid-data tas-16 ta' April 2026. Dawn l-Istqarrijiet ġew moqrija u spjegati fid-dettal.

24.8.5 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet.

24.8.6 Ma kienx hemm.

24.8.7 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex jikkunsidra u japprova l-Istqarrijiet Finanzjarji wara li ġew verifikati mill-Udituri tal-Gvern.

24.8.8 Il-Kunsill approva l-Istqarrijiet Finanzjarji nem con.

**(Ara dok. E)**

## 24.9 AĠĠORNAMENT DWAR PETIZZJONI NRU. 0832/2025 'A PETITION FOR THE EU ON NUISANCES CAUSED BY AN ASPHALT PROCESSING FACILITY IN A RESIDENTIAL AREA IN MALTA

24.9.1 Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras informa lill-preżenti li l-Kunsill kien irċieva komunikat mill-Committee on Petitions iffirmata minn Bogdan Rzonca bid-data tas-16 ta' Marzu 2026.

24.9.2 Is-Sindku informa li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet bagħat jirringrazzja lill-Kunsill talli pparteċipajna fis-sessjoni tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet nhar is-26.02.2026 fejn ġejna infurmati li komplew jeżaminaw il-petizzjoni filwaqt li qiesu kif xieraq l-informazzjoni bil-miktub u orali pprovduta mis-Sindku Dott Sciberras u mir-rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea.

Infurmati li wara d-diskussjoni, il-Kumitat iddeċieda li jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex tipprovdi informazzjoni ulterjuri u aġġornata dwar id-diversi aspetti tal-kwistjoni. Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet iddeċieda wkoll li jirreferi l-petizzjoni tal-Kunsill lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti f'Malta, jiġifieri l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA).

Ladarba l-Kumitat għall-Petizzjonijiet jirċievi l-informazzjoni meħtieġa, se jkompli jeżamina l-fajl tal-Kunsill. Naturalment, se jżommuna infurmati dwar kwalunkwe azzjoni oħra li tittieħed dwar il-petizzjoni.

**24.10 SKEMA SPI/SCI/01/2026 – FINANZJAMENT GĦALL-ATTIVITAJIET KULTURALI ANNWALI 2026**

24.10.1 Is-Sindku Dott Sciberras ressaq l-applikazzjoni quddiem il-mejda tal-Kunsill għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni.

24.10.2 Imbagħad is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Mary Grace Gusman biex il-Kunsill japplika għal din l-iskema SPI/SCI/01/2026.

24.10.3 Il-Kunsill approva *nem con*.

**24.11 AĠĠORNAMENT DWAR L-EDIZZJONI FESTA FJURI – 16 TA' MEJJU 2026**

24.11.1 Is-Sindku Dott. Sciberras ta aġġornament dwar il-preparazzjonijiet li għaddejjin mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill għall-attività Festa Fjuri – In-Natura iġġib il-ferħ u l-ħajja.

24.11.2 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li ġew ukoll ikkonfermati t-taħdidiet pubbliċi li ser isiru minn Dr Antoine Vella, Sa Karmen Tedesco, Joyce Muscat, Prof. Matthew Montebello u s-Sur Dylan Farrugia.

Ġew ikkonfermati l-Aġenziji Project Green, Ambjent Malta, Community Police Team, Core Green, d-Dar tal-Providenza, Bird Life Malta, MOAM, Bee Keepers Association, St. Therese College, Iklin Scout Group, Lija/Iklin Football Youth Academy, Nanniet Ikliniżi taħt il-kappa tal-Kunsill Lokali L-Iklin, numru sabiħ ta' bejjiegħa tal-fjuri u dawk artiġjanali.

L-Uffiċċju qed jikkonkludi l-proċessi amministrattivi biex l-attività tkun koperta bil-permessi kollha neċessarji nkluż Polza tal-Assigurazzjoni, Risk Assessment, avviż li ġie ppubblikat fil-Ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern minħabba s-sospensjoni tal-parkeġġ u t-traffiku, assenjar ta' Uffiċċjali tal-Komunità, assenjar ta' pulizija għal fini ta' bon ordni, Ambulanza, sinjali adegwati u police barriers biex nassiguraw is-saħħa u s-sigurtà għall-komunità tal-Iklin u l-pubbliku nġenerali.

Id-divertiment huwa wkoll ikkonfermat fejn ser ikollna il-parteċipazzjoni tal-Għaqda Mużikali San Pio X li tferraħ it-toroq tal-Iklin b'marċi brijużi u tkompli bi programm ta' mużika leggera fi Triq Ġużè Ellul Mercer, il-parteċipazzjoni ta' talent lokali, il-kantant bravu Gilbert Gauci u l-pjanista Christian Briffa u live band ta' Christian Arding li jibda fi 1230hrs sa 1400hrs.

Attrazzjoni oħra għal din is-sena ser tkun 'Garden installation' fl-ispazju miftuħ ta' Ninu Cremona fejn l-ispazju ser jiġi trasformat fi ġnien żgħir biex joħloq ambjent seren fejn wieħed jista japprezza l-ġmiel tan-natura.  Ir-residenti jistgħu igawdu dan l-ambjent mill-ġurnata tal-Ġimgħa 15 ta' Mejju fejn Pjazza Ninu Cremona ser tkun magħluq għall-parkeġġ u t-traffiku biex noffru spazju pedonali.

L-attività Festa Fjuri qed tiġi pubbliċizzata fuq il-mezzi soċjali tal-Kunsill, Whatsapp channel, 100 spots fuq stazzjon lokali ta' radio, intervisti fuq radju u televiżjoni, distribuzzjoni ta' flyers bieb bieb, distribuzzjoni ta' flyers fil-Kulleġġ tal-Iskola Primarja Santa Tereża, distribuzzjoni ta' flyers fi stabbilimenti tan-negozji madwar L-Iklin, distribuzzjoni ta' *programme note* f'kull residenza u qed nippjanaw biex issir Konferenza Stampa fil-ġimgħa tal-attività.

L-infiorata se ssir fuq skala ridotta filwaqt li l-Kunsill se jintroduċi kunċett differenti fejn din is-sena, il-Kunsill ser ikun qed jagħmel distribuzzjoni ta' żrieragħ f'kull residenza fl-Iklin bħala ġest simboliku u prattiku ddisinjat biex irawwem il-ħarsien tal-ambjent, il-konnessjoni mal-komunità, u l-benesseri mentali.  B'dan il-mod, inkunu qed inwaslu Festa Fjuri f'kull residenza fl-Iklin.

**24.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

24.12.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta 12 ta' Mejju 2026 fil-5.30 pm.

24.12.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar it-Tlieta 12 ta' Mejju 2026 fil-5.30 pm.

24.12.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-7.15 p.m.

| | |
|---|---|
| **Dott Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |